**It-Talba tar-Rużarju matul ix-xahar ta' Mejju** qed tingħad fil-Knisja kuljum qabel il-quddiesa tas-7.00pm. Tajjeb nissieħbu flimkien f'din it-talba tant għażiża.

**Għoti tad-demm**, il-Ħadd 3 ta' Mejju mit-8.00am sas-1.00pm fil-Berġa tax-Xewkija. Ħudu magħkom il-karta tal-identità.

**Tibda l-ġabra għan-nar tal-festa**, minn nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju. Il-membri tal-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl ser iduru bieb bieb, biex jagħmlu l-ġabra li hi tant meħtieġa għan-nar li ser jinħaraq fil-festa 2026. Bil-għajnuna tagħkom inkunu nistgħu norganizzaw programm ta' nar kif jixraq għall-festa tal-Patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom. Dawk li ma nsibuhomx id-dar se nħallulhom envelop u dan jista jintefa' fil-letterbox tal-uffiċċju tal-Għaqda tan-Nar fi, Strada Rjali, Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl, Triq Diċembru 13, in-Nadur.

**Il-laqgħa tal-Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù**, ser issir nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju, fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur. Tibda bir-Rużarju fl-4.00pm u wara tiġi ċċelebrata l-Quddiesa minn Dun Salv Grima. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Kulħadd mistieden.

**Ħarġa mill-Għaqda Dun Franġisk Grima** nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju. Ser inżuru l-Mużew tal-affarijiet antiki fiż-Żebbuġ u wara nieklu xi ħaġa flimkien. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9.30am. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 / 79923153 inkella lil Ġuża fuq 21552326 / 99228906.

**Nitolbu r-Rużarju fi Triq l-Emigranti**, nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju, fis-6.00pm. Kulħadd mistieden.

**Quddiesa fil-Festa San Ġorġ Preca**, nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju, organizzata mill-membri tal-MUSEUM fis-7.00pm ad unur ta' San Ġorġ Preca lejlet il-festa liturġika tiegħu. Il-ġenituri, il-ħbieb u l-benefatturi huma mistiedna jattendu flimkien mat-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jattendu fl-oqsma tagħna.

Għadu kemm **inxtara l-materjal biex jinħietu sett ta' 10 sopra trieħi ġodda** għall-artali tal-Knisja Bażilika għal matul is-sena peress li dawk eżistenti qdiemu u tfew fil-kulur tagħhom. Wara li nħadmu l-ispejjeż tal-materjal (drapp, inforra, galluni u frenza), dawn is-sopra trieħi ġejjin jiswew €75 kull waħda għal 8 artali u €95 għaż-żewġ artali tal-Kurċifiss u tar-Rużarju. Jekk hawn xi persuni jixtiequ jħallsu xi waħda minn dawn it-trieħi jew jagħtu xi donazzjoni għalihom jistgħu jikkuntattjaw lill-Arċipriet jew lill-Kan. Dun Reuben Micallef fil-jiem li ġejjin.

**NTYC to Guatemala**

Grupp ta' 12-il żagħżugħ u żagħżugħa miċ-Ċentru tagħna ser jagħmlu esperjenza ta' voluntarjat fejn Dun Anton Grech il-Guatemala, akkumpanjati minn Fr Mark u s-Seminarista Fabio Cini. Dawn ser imorru fix-xhur tas-sajf. Sabiex wieħed jasal il-Guatemala hemm vjaġġ twil u li fih ħafna spejjeż ukoll. Għaldaqstant qed insejħu l-qlub ġenerużi tagħkom sabiex min jista' jgħin u jiffinanzja parti minn din l-esperjenza, ikellem lill-Arċipriet jew lil Fr Mark. Sabiex wieħed ikollu idea, il-biljett tal-ajru ta' żagħżugħ wieħed jiswa €1,740. Napprezzaw u nirringrazzjaw lil dawk kollha li ser jagħmlu mezz u jgħinuna minn qalbhom.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am